KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

IS-SEBGĦA KUNSILL

SEDUTA NRU 33 – It-Tnejn 27 ta' April 2015 fil-17.00hrs

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr. Marc Sant | Minority Leader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

## 1. FREE ADMINISTRATION WORKERS

1.1 Il-laqgħa bdiet b'introduzzjoni mis-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi fuq *Free Administration Workers*. Hija qalet li fil-laqgħa tar-Reġjun ġew infurmati li hawn Taljan li jipprovdi *free administration workers* Taljani u li jafu jitkellmu bl-ingliż. Dan huwa bħal *exchange programme*. Is-Sindku staqsiet jekk hux fuq *Administration* biss jew fuq xogħol ta' *labour* ukoll. Huwa qal li bħalissa jistgħu joffru biss *office staff* mingħajr ħlas mill-Kunsill. Dan is-servizz użah ukoll Kunsill ieħor u sabhom tajjeb ħafna. Jekk il-Kunsill jaqbel irridu nċemplu lill-persuna *in charge* u ngħidulu kemm għandna bżonn bħala ħaddiema. Il-Kunsill qabel u s-Sindku għandha tagħti d-dettalji ta' min għandna nċemplu għal dan is-servizz.

## 2. SKEDA TA' HLASIJIET

2.1 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' ħlasijiet. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-pagament ta' Dr. Veronica Rosignaud għal l-ammont a' €406.33 huwa ta' l-aċċettazjoni tal-kawża biex il-Kunsill iwieġeb fuq il-*flooding* ta' Triq Sant'Antnin Ħ'Attard. Fuq dan il-każ, is-Sindku nfurmat li l-għada it-Tlieta 28 ta' April 2015, hija flimkien mas-Segretarju għandhom jiltaqgħu ma' l-Avukat il-Qorti fuq dan il-każ. Qabel jittieħed il-ġurament mis-Sindku u Segretarju għandu jinqara ir-rapport tal-Perit ta' dak iż-żmien li kien *incharge*.

2.2 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet fuq il-pagamenti tal-*Petrol Allowances* tal-ħaddiema. S-Segretarju nfurmat li dawk kienu *allowances* li kienu ġew approvati fl-aħħar laqgħa.

2.3 Is-Segretarju nfurmat li l-pagament tal-Bank of Valletta għal l-ammont ta' €22.00 kien peress li dak il-kont kien *minus balance* wara li inġibed dan l-ammont mill-Awdituri għal Interim Audit. Hija kompliet tgħid li s-Sindku u hija kellhom imorru il-Bank of Valletta biex jagħtu *an official go ahead* biexikunu jistgħu jiġu trasferiti l-flus mis-*Savings* għal *Current Account.*

2.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet kemm ilu il-kuntratt tal-Waste Collection fuq l-*sweeping*. Hija staqsiet dan għax peress li ma jsirx *sweeping* fil-Ħdud u l-Festi, jekk il-Kunsill ikunx jista' jinpjega żewġ min nies oħra. Kemm is-Segretarju u kemm is-Sindku tikkonfermaw li l-kuntratt ilu sentejn u din ma tistax isir għax il-kuntratti kollha iridu isiru *by tender*. Xorta waħda għandu jiġi iċċekkjat dan.

2.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq il-bring-in-sites li l-Kunsill iddeċieda li jsiru f'Hal Mann fl-aħħar laqgħa. Is-Segretarju nfurmat li inbagħtet request lill-Green Pak biex isir *on site inspection* biex jiġi identifikat li s-sit magħżul huwa tajjeb biex jitpoġġew il-bring in sites. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia issuġerit li jsiru fit-telagħa ta' Triq Preziosi mal-ħajt ta' l-għalqa. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan.

2.6 F'dan il-ħin waslet l-Accountant tal-Kunsill li ġiet mistiedna biex tispjega u twieġeb għal xi mistoqsijiet li jagħmlu il-Kunsilliera fuq l-Audited Accounts u wasal ukoll is-Sur Massimo Scerri, Kunsillier.

2.7 L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata mill-Kunsilliera imma il-Minoirty Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvawx il-pagamenti nr 7 u 8 tal-Waste Collection fuq il-kuntratti ta' *domestic waste collelction* għax-xahar ta' Frar u il-kuntratt ta' l-*sweeping* għax xahar ta' Frar 2015 ukoll.

2.8 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar, il-pagamenti ġew approvati.

2.9 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq il-ħmieġ li tħalla fi Triq id-Dejqa wara li tlesta ix-xogħol. Hija qalet li dan il-ħmieġ ilu hemm għal xi ħmistax. Għandu jiġi iċċekkjat dan.

2.10 Is-Segretarju nfurmat li skond l-Audit li għada kif tlesta, il-Waste Collection għat-tieni sena tas-servizz tiegħu fuq l-*sweeping* baqa jiċċarġjana bl-istess rata li kien iċċarġjana fl-ewwel sena. L-Awdituri talbu li l-Kunsill irid jirregola ruħu u jħallas lill-kuntrattur id-differenza li tammonta għal xi €80.00

2.11 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ilmentat li sa 3.00p.m. l-iskart ma kienx inġabar, imma skond is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, fis-2.30p.m. l-iskart kien inġabar. Is-Sindku qalet ukoll li tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-Kuntrattur li meta jinġabar il-*garbage* għandu jinġabar xi affarijiet li jkunu waqgħu. Għandu jiġi iċċekkjat jekk hux l-*sweeper* jew dak li jiġbor l-iskart għandu jnaddaf. Għandu jigi nfurmat il-kuntrattur biex jinġabar il-ħmieġ kollhu meta tinġabar il-borża is-sewda.

2.12 Il-Kunsill iddiskuta il-ħin li qed jinġabar l-iskart peress li jidher li ma għandux ħin eżatt x'ħin dan jinġabar, daqqa kmieni u daqqa tard. Għandhu jiġi iċċarat il-ħin li qed jinġabar. Is-Segretarju nfurmat li fost il-ġimgħa dan qed jinġabar minn nofs inhar u s-Sibt mill-10.30a.m.

## 3. AUDITED ACCOUNTS

3.1 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Audited Accounts għas-sena finanzjarja li għalqet fil- 31 ta' Diċembru 2014. Dawn iridu jiġu approvati qabel jiġu *handed over* lil Awditur Ġenerali.

3.2 L-Accountant nfurmat lill-Kusnill li mill-aħħar *Financial Stratement* minn Jannar sa Lulju 2014 u , minn Jannar sa' Dicembru 2014, ma kienx hemm differenza. Hija spjegat dawn l-Accounts fejn infurmat li l-Kunsill huwa minn taħt bl-ammont ta' bejn wieħed u ieħor €66,000. Il-Kunsilliera għamlu l-mistoqsijiet tagħhom fuq dawn l-Accounts.

3.3 Is-Segretarju nfurmat li kemm il-darba nfurmat li f'din is-sitwazzjoni li l-Kunsill jinsab fiha, il-Kunsill ma jista jagħmel xejn.

3.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li mill-fondi ta' UIF u meta jitħallsu ix-xogħolijet ta' Triq Id-Dejqa jistgħu jekk jibqa xi fondi isir id-dawl. Is-Segretarju nfurmat li minn dawn il-fondi jitsgħu jitħallsu biss ix-xogħolijiet approvati tat-toroq u xejn iktar, l-anqas ix-xogħolijiet tal-Water Services ma jistgħu jitħallsu minn dawn il-fondi. Dawn iridu jitħallsu mill-Kunsill.

3.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet li peress il-*connections* tal-Water Services saru sa l-aħħar fi tlett bnadi, jistax jitkompla bil-*concrete imprnt* f'dawn il-biċċiet ukoll. Irid jiġi iċċekkjat jekk jistax isir il-*concrete imprint* ħdejn il-kappella tas-sorijiet, il-letterbox u ħdejn *id-doggy bin.* Għandu jiġi ikkonsultat il-Perit fuq dan.

3.6 Il-laqgħa kompliet bl-approvazzjoni fuq l-Accounts. Is-Segretarju staqsiet lill-Accountant l-ammont li jista' joħroġ barra l-*commitments* ta' kull xahar biex jitħallsu il-Creditors. Hija għandha tiċċekkja dwar dan.

3.7 Il-Kunsill staqsew x'fadlilna lura bħala pagamenti. Hija qalet li fl-iskeda li jmiss ser ikun hemm mill-pagamenti ta' Jannar 2015.

3.8 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li fuq ħruġ ta' tenders il-Kunsill mar ħażin ħafna għax kollha għolew kważi d-doppju mentri l-Allokkazzjoni għoliet bi ftit. Ġie kkonfermat li l-Kunsill dejjem għażel l-irħas tender. Hija qed tispera li d-Dipartiment jagħti kas kif nistgħu nirranġaw is-sitwazzjoni. S-Segretarju reġgħet sostniet li veru ma nistgħu nagħmlu xejn u kull Ewro todd. Is-Segretarju qed tissueġerrixxi li ma jsir l-ebda proġett qabel ma jitħallsu l-Creditors kollha. Is-Sindku qalet li jekk nieħdu l-fondi nkunu nistgħu nagħmlu xi ħaġa.

3.9 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondat mis-Sur Massimo Scerri l-Audited Accounts ġew approvati. Il-Minority Leader Dr. Marc Sant xtaq jastieni peress li dawn l-accounts jinvolvu l-hlas tal-bowzer ta' l-ilma u li dejjem oggezzjona fuqhom.

3.10 Is-Segretarju nfurmat li l-Camray kien ikkuntattja lill-Kunsill u informa li biex isir il-Culvert f'Giovanni Barbara c/w Transfiguration Avenue, il-Kunsill irid japplika hu ma' Transport Malta, fejn is-soltu dejjem il-kuntratur japplika.

3.11 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill ukoll li kienu ċemplu mir-*Restoration Unit* peress li l-arloġġ tal-ġnien tal-Mirakli li kellu jinqala mill-Kunsill, għadu ma nqalax. Il-Kunsill għadu m'għamilx dan ix-xogħol għax irid iħallas xi €55.00 għal dan ix-xogħol.

3.12 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa jekk konniex irċevejna xi ħaġa fuq l-appell li l-Kunsill kien għamel peress li ma kien ħa xejn mill-Capital Projects. Is-Segretarju kkonfermat li ma kien hemm l-ebda korrispondeza f'dan ir-rigward.

3.13 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant reġgħa staqsa fuq kif konna bqajna fuq il-Billboard ta' Naxxar Road c\w Transfiguration Avenue. Is-Segretarju nfurmat li Billboards kemm f'toroq arterjali u kemm fil-lokal jaqaw taħt ir-responsabbilita tal-MEPA.

4. ILMENT – LETTER OF REFERENCE

4.1 Is-Segretarju nfurmat li kienet irċeviet e-mail mill-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard fit-23 t'April 2015, li jikkonċerna 'letter of reference' tal-Waste Collection.

4.2 F'din l-email is-Segretarju riedet tikkonferma jekk il-Kunsill kienx kiteb *Letter of Reference* lill-Waste Collection Ltd bil-firma tas-Segretarju. Din kienet qed tagħmlu bħala skrutinju ta' tenders mitfugħa fil-proċess ta' valutar ta' tenders tal-iskart. Hija xtaqet li nikkonfermala dan għax kienet irċeviet *letter of reference* oħra minn Kunsill ieħor li kienet *word for word* bħal tal-Kunsill ta' Ħal Lija. Wara li eżaminajt l-ittra jiena bħala Segretarju Eżekuttiv, weġibt li assolutament l-ittra ma nħarġitx mill-Kunsill fis-26 ta' Marzu 2015 lill-Waste Collection, fejn intużat *letter head* li ma tintużax għal l-ittri mill-Kunsill. Din il-*letter head* intużat biss meta kienu qed jiġu iġudikat u evalwati it-tenders. Fit-tweġiba tiegħi, jiena ikkundanajt dan l-aġir, li ntużat *letter head* li l-Kunsill ma jużax u li l-iktar ħaġa gravi hija li intużat jew ġiet ikkupjata l-firma tiegħi bħala Segretarju għan nom tal-Kunsill. Fit-tweġiba tiegħi ktibt li għandha tittieħed azzjoni neċessarja, u nirriserva dritt li l-azzjoni tittieħed mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jsir rapport lill-Pulizija u l-Pulizija tidderiġina dwar x'azzjoni trid tittieħed.

4.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet li jekk jiġri xi ħaġa u dan il-kuntrattur u ikollu jieqaf mis-servizz, il-Kunsill jista' jmur fuq is 2$^{nd}$ runner up jew irid joħroġ tender ieħor.

4.4 Il-Kunsilliera tkellmu fuq il-problema ta' l-iskart fil-Housing Estate. Din inqalgħet peress li residenti qalgħu ċitazzjoni għax ħarġu l-iskart bejn iż-żewġ ħadidiet li l-Kunsill kien għamel għar-residenti tal-Housing Estate biex ipoġġu l-iskart hemm. Dawn iż-żewġ ħadidiet qegħdin fit-tarf tat-triq u ilhom hemm mill-ewwel Kunsill. Ir-residenti kienu gergru li ma iridux skart tal-blokka kollha quddiem l-entratura tal-blokka. Ir-Reġjun Ċentru nfurmawna li dan ma jistax isir għax kontra l-liġi u l-iskart għandu jidgedez quddiem il-bieb prinċipal tal-Housing Estate. Ġejna mitluba mir-Reġjun Ċentru biex tinbagħat ittra lir-residenti tal-Housing dwar dan u jiġi nfurmat ukoll il-kuntrattur li jiġbor. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan u qalu li trid tinstab soluzzjoni.

5. TMIEM

5.1 Is-Seduta ntemmet fl-18.13 hrs b'mod unanimnu.

Magda Magri Naudi
Sindku

Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv